MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Numru. 282/2003

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
ANTHONY CORTIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Cortis ta' 39 sena bin Nazzareno u Marianna nee Chircop imwieled Pieta fit-3 ta' Awissu 1963 u residenti Anfield, Triq il-Gdida fi Triq Il-Mithna, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita numru 438963M talli f'dawn il-gzejjer, fil-5 ta' Settembru 2002 u fiz-zmien ta' qabel, fil-fond Klabb Bocci Santa Venera li jinsab fi Triq San Guzepp, Hamrun u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

Talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq

u cioe sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT u dan bi ksur tal-artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkoppja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe l-Pall Mall Ltd of UK u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta BCGL Advocates rappresentata minn Dr Andrew Borg Cardona LL.D.  et hija rapresentanti, protetti jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:
Tallu kellu fil-pusses stieghu billi kellu depositati ghandu, jew espona ghal bejgh 8 pakketti b'20 sigarett kul pakkett, 3 kartuniet b'10 pakketti b'20 sigarett kull wahda, 1 pakkett bi 8 sigaretti – Rothmans Blue, 8 pakketti b'20 sigarett, u 1 pakkett bi 18 il-sigarett Marlboro u dan bil-hsieb li tiffroda lill-Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni. L-importazzjoni tas-sigaretti hawn fuq imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur, Taxxa imposta (Lecy) Dazju tas-Sisa u VAT:

| VALUR | LEVY | DAZJU TAS-SISA | VAT |
|---|---|---|---|
| Lm12 | Lm4.85,4 | Lm29.08,8 | Lm6.89,2 |

U dan bi skur ta' l-Artiklu 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(l) u paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana kap 37, u l-artikli 16(d)(e)(f)(g)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta, u wkoll, bi ksur tal-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998)

Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 40 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Magistrati fid-dati 16 ta' Novembru 2000 u 22 ta' Novembru 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-9 ta’ Mejju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1)(f), 298B(1) u 28A tal-kap 9, Art 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(I) paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana kap 37, Art 16(d)(e)(f)(g)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta, Art 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998) u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ Lm64.83, tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena filwaqt li tordna il-konfiska tal-oggetti.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------